MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru. 41/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christopher Pullicino)**

**Vs**

**Josef Farrugia ta' 32 sena bin Anthony u Mary nee' Cilia, imwieled Pieta' fit-19 ta' Marzu 1980 u joqghod 65, Paola MYHA Hostell, Triq tal-Borg, Paola detentur tal-karta ta'l-identita' numru 168580(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Farrugia:

1. akkuzat talli nhar id-29 ta' Novembru 2006 xi hin matul il-gurnata, fi Triq il-Principessa Margerita, Msida ikkometta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura numru ta' registrazzjoni AGU150 fosthom diversi CD's liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa u sar ghad-detriment ta' Jeanette Agius u/jew persuna/i ohra;
2. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura AGU150 ghad-dannu ta'l-istess Jeanette Agius, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 ewro izda inqas minn 1164.69 ewro.
3. U aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 8 ta' Frar 2005 fejn huwa kien misjub hati ta' reat u illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;
4. U fl-ahharnett talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-11 ta' Jannar 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fid-29 ta’ Novembru 2006 gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’l-Imsida giet irrapurtata serqa minn gewwa vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni AGU150 liema vettura tappartjeni lil certu Jeanette Agius. Is-serqa giet irrapurtata li sehhet f’xi hin matul il-gurnata filwaqt li l-vettura kienet ipparkeggjata gewwa Triq il-Principessa Margerita, Msida. Minn fuq il-vettura gew elevati diversi impronti digitali u palmari kemm minn fuq in-naha ta’ barra taghha kif ukoll minn gewwa u specifikatament minn fuq kontenitur ghan-nuccalijiet li kien hemm fuq is-seat tal-passiggier.

Illi l-Prosekuzzjoni, fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, trssaq xhud bl-isem ta’ Janet Borg, xebba Agius li tixhed u tghid illi fl-20 ta’ Novembru 2006 hija kienet ipparkeggjat il-vettura taghha tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni AGU150 gewwa St. Louis Street, l-Imsida u meta irritornat aktar tard fil-gurnata innotat illi kienet sehhet serqa minn gewwa l-vettura taghha fejn kienu insterqu xi pouches kontenenti CDs. Il-malvivent jew malviventi kisbu access ghal gewwa l-vettura billi kissru il-hgiega tal-vettura, izda x-xhud ma tindikax liema wahda.[1]

Illi meta jigi arrestat u interrogat l-imputat jaghzel li ma iwiegeb ghall-ebda mistoqsija li issirlu ghalkemm l-Ufficjal Prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu ighid illi l-imputat baqa’ jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta’ dan ir-reat.[2]

[1] Ara xhieda ta’ Janet Borg a fol. 27
[2] Ara stqarrija ta’l-imputat Dokument CP a fol.37

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza gie nominat bhala Espert tal-impronti digitali Joseph Mallia li wara li eleva l-impronti digitali u palmari ta'l-imputat ghamel l-ezamijiet komparattivi bejnhom u dawk elevati mis-scene of crime officers minn fuq il-vettura AGU150.[3] Illi fir-rapport tieghu l-espert ikkonkluda illi wiehed biss minn dawn l-impronti digitali elevati mill-vettura jaqbel ma' wiehed mis-swaba ta'l-imputat. Fil-konkluzjonijiet tieghu ighid hekk:

*"Illi l-impronta digitali elevata permezz tal-lifter dokument 06 DFO 304 giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-swaba l-werrej ta'l-id ix-xellugija ta' Josef Farrugia."*[4] Jidher illi dina l-impronti digitali giet elevata minn fuq kontenitur tal-metall tan-nuccali li kien qieghed fuq is-seat tal-passiggier.

Ikkunsidrat,

Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-unika prova li l-Qorti ghandha f'idejha li tista' timplika lill-imputat f'dina is-serqa hija impronti digitali wahda li giet elevata minn fuq kontenitur tal-metall li kien jinsab gewwa l-vettura, precizament fuq is-seat tal-passiggier. Dana l-impronti jistabilixxi bhala fatt ghalhekk illi l-imputat kien jinstab gewwa l-vettura ABU150 li minnha gew elevati dawn l-impronti. Illi l-espert Joseph Mallia jindika sahansitra *14 points of comparison* ma'l-impronti digitali tas-suba ta'l-imputat li huma bizzejjed sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti illi kien proprju l-imputat li kien involut fil-kummissjoni tar-reat li bih jinstab akkuzat.

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-*

[3] Ara Dokument CB a fol.46 et.seq.
[4] Ara rapport Dokument JM a fol.72

*impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.”*

(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta’ Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Illi ukoll fil-kawza Il-Pulizija vs Vincent Calleja iktar ‘il fuq iccitata jinghad:

*“Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata.Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison.”*

Illi l-imputat huwa akkuzat illi ikkometta serqa minn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AGU150 fid-29 ta’ Novembru 2006 filwaqt li din kienet ipparkeggjata gewwa Triq il-Principessa Margerita, l-Imsida. Meta imbaghad titla’ tixhed id-derubata hija tghid illi s-serqa sehhet fl-20 ta’ Novembru 2006, filwaqt li dina l-vettura kienet ipparkeggjata gewwa Saint Louis Street, l-Imsida. Inoltre ghalkemm fix-xhieda taghha Janet Borg tindika illi f’dina is-serqa insterqulha xi CDs, jekk wiehed ihares lejn ir-rapport tal-pulizija ir-reat gie ikklassifikat bhala “attempted theft”, fejn fl-istess rapport, imkien ma hemm indikat li kienu insterqu xi oggetti konsistenti f’CDs. Fil-fatt fl-istess rapport hemm indikat illi l-persuna li kienet qed taghmel ir-rapport Jeanette Agius infurmathom illi ma kienet sabet xejn nieqes mill-vettura taghha. Dana huwa ikkonfermat mis-surgent 1043 Francis Pace li dahhal ir-rapport.[5]

Illi maghdud dana kollu madanakollu, jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi fid-29 ta’ Novembru 2006 sehhet serqa minn gewwa l-vettura AGU150. Illi il-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta’ impronta digitali li instabet fuq din il-vettura meta giet ezaminata mill-ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika

[5] Ara xhieda tal-PS1043 Francis Pace u rapport Dokument FP a fol.33

fid-29 ta' Novembru 2006 li jaqbel ma' dik ta'l-imputat. Illi meta d-derubata tixhed fil-Qorti hija tghid illi sabet xi pouches bic-CDs neqsin. Illi l-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubbju illi sehhet dina s-serqa kif irrapurtat u li fiha kien involut l-imputat billi kien hemm impronti digitali tieghu fuq kontentitur gewwa l-karozza, u precisament fuq is-seat tal-passiggier u ghalhekk ma jistax ikun hemm dubbju illi l-imputat kien prezenti gewwa dina l-vettura. Illi sabiex l-imputat kiseb access ghal dina l-vettura huwa ghamel hsara fl-istess u kwindi anke it-tieni akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana b'sentenza datata 8 ta' Frar 2005. Inoltre huwa ukoll recidiv. Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa il-fedina penali ta'l-imputat u anke rat is-sentenzi li bihom huwa gie ikkundannat u ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat gie diga itrattat dwar is-sentenza surriferita. Il-Qorti ghalhekk sejra titratta ma'l-imputat ai termini ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(2), 325(1)(b), 17(h), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima 4 u 6, artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija u multa ta' hames mitt ewro (€500).

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' €565.44 lir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------